MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 428/2003

**Andrew Schembri**

**Vs**

**Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet u b'nota tal-1 ta' Frar 2005, id-Direttur tat-Turizmu assuma l-atti minflok l-Agent Direttur Generali tax-Xogholijiet**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' Andrew Schembri fejn espona:

Illi permezz ta’ ittra ufficjali tal-intimat Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet tat-12 ta’ Awwissu, 2003, huwa gie notifikat b’dikjarazzjoni guramentata tal-istess Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet ghall-finijiet tal-Arikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u mitlub ihallas is-somma ta’ Lm2,286.09 bhala hlas ta’ “servizzi moghtija u spejjez ohra relatati in segwitu ta’ hruq fuq il-Comino Princess li gara fit-8 ta’ Settembru, 2000”. (Dokument A1 u A2).

Illi l-esponent qatt ma talab u qatt ma inghata s-servizz imsemmi, u f’kull kaz ma ghandu jaghti ebda hlas jew spejjez lill-intimat Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet.

Illi f’kull kaz huwa ma huwiex il-proprjetarju tal-imsemmija Comino Princess li hija proprjeta’ tas-socjeta’ Sea Star Cruises Company Limited, u ghalhekk l-esponent m’huwiex legittimu kontradittur fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-intimat rigwardanti l-imsemmija Comino Princess.

Illi inoltre u f’kull kaz, la l-esponent u lanqas is-socjeta’ Sea Star Cruises Company Limited ma kienu responsabbli b’xi mod ghall-hruq li gara fit-8 ta’ Settembru, 2000 fuq il-Comino Princess.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu l-pretensjonijiet tal-intimat huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu respinti. F’kull kaz huwa ghandu jaghti spjegazzjoni dettaljata u dokumentata tal-fatti, kif ukoll tal-bazi legali, tal-pretensjonijiet tieghu. Minkejja diversi talbiet dawn l-ispjegazzjonijiet baqghu ma inghataw qatt.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, l-esponent qieghed ghall-finijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jopponi ruhu ghat-talba tal-intimat Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet ghall-hlas ta’ Lm2,286.09 ghal servizzi moghtija u spejjez ohra relatati in segwitu ta’ hruq fuq il-Comino Princess li gara fit-8 ta’ Settembru, 2000 kif fuq inghad, u konsegwentement jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tiddikjara l-istess talba tal-Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet bhala wahda infondata. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet fejn espona:

1. Illi preliminarjament, l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, inharget f'isem Andrew Schembri u s-socjeta' Sea Star Cruises Company Limited, tant, illi l-istess ittra ufficjali ntbghatet fl-ufficju registrat tas-socjeta' Sea Star Cruises Company Limited;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm Andrew Schembri kif ukoll is-socjeta' Sea Star Cruises Company Limited irrigettaw kull responsabbilita' ghall-hruq illi gara fuq il-Comino Princess u b'dan qed jirrigettaw l-pretensjonijiet ghall-hlas maghmula mill-esponenti;
3. Illi s-servizzi moghtija u spejjez ohra relatati in segwitu ta' hruq fuq il-Comino Princess, liema incident gara fit-8 ta' Settembru 2000 jirreferu ghas-servizzi illi jinghataw mill-gvern u dan fl-interess pubbliku sabiex titwaqqaf il-hsara kkagunata minn incidenti fejn tirrizulta oil spill jew tniggiz iehor liema xoghol ta' emergenza jkun debitat lill-persuna proprjetarja tal-ingenji illi jkunu kkagunaw tniggiz;
4. Illi fi kwalunkwe kaz sta ghar-rikorrenti sabiex jipprova illi huwa mhux il-proprjetarju tal-imsemmija Comino Princess.

Ghaldaqstant, l-esponenti talab lil din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent, filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u disgha centezmi (Lm2,286.09) hija dovuta lil Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet rapprezentanti ammont dovut mir-rikorrent in konnessjoni ma servizzi moghtija u spejjez ohra relatati in segwitu ta' hruq fuq il-Comino Princess. Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Ir-rikorrent u Christopher Sant iffurmaw kumpanija bl-isem Sea Star Cruises Company Limited, bil-ghan li taghmel negozju ta' garr ta' turisti bil-bahar bejn il-Gzejjer Maltin.
2. Huma – f'dan l-istadju il-Qorti mhix se tidhol fil-kwistjoni ta' min kien il-proprjetarju tal-lanca - kellhom lanca bl-isem *Comino Princess* li kienet topera servizz ta' garr tat-turisti lejn Kemmuna u lejn Ghawdex.
3. Fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2000, din il-lanca, li kienet marbuta mal-moll tax-Xemxija, hadet in-nar, u nharqet kompletament. Inoltre d-dghajsa tas-sajd bl-isem *Santa Marija* – proprjeta ta' terzi - li kienet hdejha inharqet ukoll.
4. Ir-rikorrent u Christopher Said jghidu li l-ghada fil-ghodu, wara li gabu l-permessi necessarji minhabba l-inkjesta magisterjali li kienet ghaddejja, huma gabu zewg skips u naddfu dak li setghu. Kien hemm ukoll xi hbieb u qraba jassistuhom. Gabu wkoll krejn kbir biex itellghu l-fdalijiet tal-lanca u hadu kollox il-Maghtab. Qabbdu wkoll bughaddas biex jigbor l-affarijiet mill-qiegh tal-bahar
5. Ir-rikorrent u Christopher Said jghidu li huma qatt ma taw xi struzzjonijiet lil xi hadd sabiex inaddaf f'isimhom personali jew f'isem il-kumpanija, ghax dak ix-xoghol kienu qed jaghmluh huma stess.
6. In kontro-ezami, ir-rikorrent jghid li ma kienx hemm zejt fil-post, ghaliex il-magna nharqet u ghalhekk, jekk kien hemm zejt go fiha dan inharaq.
7. Min-naha l-ohra, Tony Mallia, li kien jahdem fl-*Oil Pollution Response Module* fid-Dipartiment tat-Turizmu xehed li fi sbieh il-Gimgha 8 ta Settembru 2000, irceva telefonata minghand id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili li kien hemm inkwinament ta' zejt u debris fl-area tal-Vecca, f'San Pawl il-Bahar. Din kienet kagunata minn hruq ta' dghajsa bl-isem *Comino Princess.*
8. Mallia xehed li meta mar fuq il-post it-tniggis fil-bahar kien jikkonsistri f *'hydraulic oils, engine oils* u ammont kbir ta' diesel miz-zewg dghajjes, kif ukoll ammont kbir ta' materjal mahruq mill-istess dghajjes. Mallia xehed li kellem persuna – pero ma qalx l-isem – li kien

inkarigat mid-dghajsa *Comino Princess* u li kien fuq il-post, u staqsieh min se jiehu hsieb inaddaf it-tniggis tal-bahar. Skond Mallia, dan wiegeb li dak il-hin ma kellhux mohh.

9. Billi skond Mallia hadd ma resaq biex inaqddaf, ha l-inkarigu f'idejh biex jara li tniggis ma jinfirixx. Flimkien ma' haddiema tal-Unit tieghu u bl-assistenza tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u tad-Dipartiment tat-Turizmu ghamel it-tindif kollu necessarju fuq firxa ta' jumejn.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mix-xhieda prodotti miz-zewg nahat hemm verzjonijiet totalment opposti ta' min ghamel it-tindif tal-bahar wara l-hruq tal-lanca in kwistjoni.

Pero qabel ma tikkonsidra l-meritu ta' dan ir-rikors, il-Qorti trid bilfors tikkonsidra is-sottomissjoni preliminari tar-rikorrent li huwa ma huwiex il-proprjetarju tal-lanca in kwistjoni li hija proprjeta tas-socjeta Sea Star Cruises Company Limited, u li ghalhekk ir-rikorrent m'huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-intimat rigwardanti din il-lanca.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ghal fini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-intimat ikkonferma bil-gurament li "Andrew Schembri" kien debitur tal-Gvern ta' Malta, fl-ammont imsemmi fl-istess dikjarazzjoni *"dovuti in konnessjoni ma' servizzi moghtija u spejjez relatati in segwitu ta' hruq fuq il-Comino Princess li gara fit-8 ta' Settembru 2000."*

Sussegwentement, din id-dikjarazzjoni tal-intimat giet annessa ma' ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici tal-Procedura Civili u mibghuta hekk:

*"Lil* ***Andrew Schembri***

*Sea Star Cruises Company Limited*

*9, Church Street,*

*Wardija"* (enfasi tal-intimat).

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubbju li l-pretensjoni tal-intimat hija fil-konfront tal-intimat personalment biss. Ghalkemm fl-ittra ufficcjali tissemma is-socjeta kummercjali, din tissemma bhala parti mill-indirizz biss, tant li l-kliem "Andrew Schembri" fl-ittra ufficcjali huma ittajpjati b'ittri *"bold"*, fil-waqt li l-isem tas-socjeta m'huwiex ittajpjat b'ittri *"bold"*. Ghaldaqstant, din il-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li l-ittra ufficcjali inharget f'isem *"Andrew Schembri u s-socjeta Sea Star Cruises Company Limited."*.

Issa kemm ir-rikorrent kif ukoll Christopher Sant xehedu li huma kienu ffurmaw is-socjeta Sea Star Cruises Company Limited, u kienet din is-socjeta li akkwistat il-lanca *Comino Princess* u wara otteniet il-permessi necessarji sabiex topera servizz ta' garr ta' turisti fuq il-bahar. Ir-rikorrent ma gab l-ebda prova ohra dwar il-proprjeta tal-lanca.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-intimat issottomettiet li r-rikorrent ma gabx l-ahjar prova, stante li ma gabx provi indipendenti sabiex juri li l-lanca kienet proprjeta tas-socjeta kummercjali, u mhux tieghu personali. Il-Qorti tammetti li kien ikun desiderabbli kieku dan sar, ghax din il-Qorti kienet tasal ghal decizjoni fir-rigward b'iktar speditezza.

Pero, dan ma jfissirx li din il-Qorti tista arbitrarjament tiskarta ix-xhieda moghtija bil-gurament mir-rikorrent u Christopher Sant, li l-lanca ma kienitx taghhom personali. Kif sewwa rrileva l-abbli difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali, l-intimat stess qed jippretendi li din il-Qorti ghandha toqghod fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu li r-rikorrent kien personalment responsabbli tal-lanca, minghajr l-ebda jew l-icken prova ohra in sostenn tad-dikjarazzjoni tieghu.

Sabiex waslet ghad-decizjoni taghha, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni zewg fatturi:

1. Ix-xhud Tony Mallia li kien jahdem fl-*Oil Pollution Response Module* fid-dipartiment tat-Turizmu u li allegatament idderiga l-operazzjoni kollha tat-tindif tal-bahar wara l-hruq tal-lanca, ikkonkluda l-affidavit tieghu hekk *"Qed nezebixxi ma' dan l-affidavit il-kont li baghatna lil Andrew Schembri ghan-nom ta' Sea Star Cruises Company Limited, anness bhala Dok A ... ..."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din ix-xhieda ma tista' thalli l-ebda dubbju f'mohh il-Qorti, li l-intimat u l-awtoritajiet koncernati kienu jafu li l-lanca kienet tappartjeni lis-socjeta kummercjali biss, tant li l-kont inhareg lir-rikorrent ghan-nom tal-istess socjeta.

2. Fl-eccezzjoni preliminari tieghu, l-intimat eccepixxa li l-ittra ufficcjali ai termini tal-Artiklu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili intbaghtet f'isem Andrew Schembri u s-socjeta Star Cruises Company Limited. Din il-Qorti diga qalet li din l-eccezzjoni hija infondata fattwalment u legalment ghar-ragunijiet moghtija aktar il'fuq. Pero il-fatt li l-intimat hass in-necessita li jissottometti li l-ittra ufficcjali giet mibghuta wkoll lis-socjeta kummercjali in kwistjoni juri li hu kien konsapevoli li din is-socjeta kellha interess guridiku tkun parti f'dawn il-proceduri, ghaliex altrimenti kien semplicement jeccepixxi li din is-socjeta m'hix legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tilqa' s-sottomissjoni preliminari tar-rikorrent u tiddikjara li huwa mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-intimat rigwardanti l-hruq tal-lanca bl-isem *Comino Princess* kontenuti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu tat-12 ta Awwissu 2003, liema dikjarazzjoni saret ghall-finijiet tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara wkoll li t-talba tal-intimat fl-ittra ufficjali tieghu tat-12 t'Awwissu 2003 fejn talab hlas minghand ir-rikorrent rigwardanti l-hruq tal-imsemmija lanca u d-dikjarazzjoni guramentata tieghu fuq imsemmija huma infondati fil-konfront tar-rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------